MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2009

Numru. 359/2009

**Il-Pulizija**
**(Sp Johann J Fenech)**

**versus**

**Victor Fenech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Victor Fenech ta’ 37 sena iben Paul u Rosaria nee’ Micallef, mwieled Pieta fis-6 ta’ Awissu 1971 u residenti 91 ‘Monroy’ Triq il-Mazzola San Pawl il-Bahar, jew 120, Mifsud Buildings Triq Correa Qormi, detentur ta’ karta ta’ l-identita’ bin-numru 362871(M).

Akkużat talli f’dawn il-Gżejjer fil-21 ta’ Mejju 2009 u l-aħħar tnax-il xahar ta’ qabel din id-data:

1. forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta; liema reat gie kommess fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh skond l-Artikolu 22(2b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta; liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali tieghu; u liema reat gie kommess fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-

perimetru ta’ skola, club jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu iz-zaghzagh skond l-Artikolu 22(2b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Akkuzat ukoll talil fejn it-23 ta’ Mejju 2009 u l-1 ta’ Gunju 2009 f’dawn il-Gzejjer:

3. kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta; liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali tieghu.

Akkuzat ukoll talli nhar il-31 ta’ Mejju 2009 kiser wahda mill-kundizzjonijiet tar-rilaxx tal-Pulizija datat 26 ta’ Mejju 2009 kif imposta lilu mill-Ufficjal tal-Kustodja ai termini ta’ l-Artikolu 355AL (5) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Akkuzat ukoll talli bejn il-31 ta’ Mejju 2009 u l-1 ta’ Gunju 2009, ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ l-Awtorita’ jew ta’ persuni inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta’ dmirijiethom, jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel b’dak li b’Ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-Ligi.

Il-Qorti kienet mitluba titratta ma’ l-imputat bhala wiehed li sar ricediv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta)

moghtija mill-Magistrat Dr Saviour Demicoli fid-19 ta’ Ottubru 2007.

Il-Qorti kienet wkoll mitluba li f’kaz ta’ htija barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat jhallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużil-fedina penali tal-imputat, iċ-ċertifikat ta-twelid tiegħu a fol 7, l-istqarrijiet tiegħu a fol 23 u 25, il-current incident report a fol 55, ir-rapport tal-Ispiżjar Mario Mifsud (fol 66), u r-rapport ta’ Dr Stephen Farruiga Sacco (fol 69).

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Rat li fl-udjenza tat-18 ta’ Settembru 2009 l-imputa ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontrih u li baqa’ jikkonferma din l-ammissjoni wara li l-Qorti għamlitha ċara li tali ammissjoni kienet tfisser piena ta’ priġunerija, multa jew multi u ħlas tal-esperti.

Ġaladarba l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, dawn ġew ippruvati skond il-Liġi.

Konklużjoni

Il-Qorti, wara li rat ir-4 u s-6 Taqsima, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) u 22(1B) tal-Kap 101, il-proviso dwar id-distanza li jidher fl-artikolu 22 tal-Kap 101, ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, l-artikoli 18,17(h), 49, 50, 355AL(5) u 338(ee) tal-Kap 9 issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat b’dan pero’ li t-tieni imputazzjoni qed titqies assorbita fl-ewwel waħda.

Dwar il-piena, il-Qorti kkonsidrat li l-imputat kien dispost li jammetti fi seduti ta’ qabel u li huwa a heavy drug user. Biss ebda drug user m’huwa skużat mil-Liġi jekk dan ibiegħ biex ikun jista’ jibqa’ jieħu d-droga.

Il-Qorti qieset ukoll li l-imputazzjonijiet jirreferu għal dati differenti, li huwa reċediv, li m'obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-Pulizija, u li r-reati jidhru li saru f'post li kien anqas minn mitt metru minn xi post fejn soltu jiltaqgħu ż-żgħażagħ.

Il-Qorti, wara li ħadet dawn iċ-ċirkostanzi kollha, qed tikkundanna lill-imputat għal piena ta' priġunerija ta' 34 xahar u għall-ħlas ta' multa ta' €2000 liema multa tista' titħallas b'rata ta' mitt Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

Ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-esperti maħtura mill-Qorti matul dawn il-proċeduri kif jiddetermina r-Reġistratur tal-Qorti.

Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------